**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 76/2018**

**Illum: 18 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Lineker David Micallef**
**(ID 196887(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Lineker David Micallef ta' 30 sena, iben Mario u Emanuela nee` Calleja, imwieled gewwa l-Pieta` nhar l-10 ta' April 1987, residenti 18, Triq Tumas Dingli, Mosta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 196887(M);

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar it-2 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommetta serq

aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra;

2. Talli nhar it-3 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommetta serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra;

3. Talli nhar it-18 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni fil-ghodu minn gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida kkommetta serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Talli nhar il-25 ta' Marzu 2018 ghall-habta tal-22.30 hrs gewwa Birkirkara:

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittima tal-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, Art. 338(ee) tal-Kap. 9;

5. Saq vettura tal-ghamla Kia Mentor bin-numru ta' registrazzjoni CAC 898 b'manjiera bla kont, perikoluza u traskurata, Art. 15(1)(a), 2 tal-Kap. 65;

6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 636 B. Pullicino, hekk skont kif iccertifikat minn Dr. D. Pace Zammit tal-isptar Mater Dei;

7. Akkuzat ukoll talli nhar it-3 ta' April 2018 gewwa dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli nhar it-2 ta' April 2018 u anke matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara kuljum, kif ukoll diversi kundizzjonijiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht [garanzija] ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tal-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat, kif ukoll illi huwa kkopera mal-pulizija

waqt l-investigazzjoni dwar dan il-kaz, kif jidher ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-3 ta' April 2018.

Qieset ukoll min-naha l-ohra, in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif ukoll ghal fini tas-seba' imputazzjoni, il-piz tas-sustanza eroina ossia 4.8 grammi, b'purita` ta' cirka 10%. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja. Jirrizulta illi huwa nstab hati *inter alia* ta' frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti, serq aggravat f'diversi okkazzjonijiet u hsara volontarja, serq semplici, tentattiv ta' serq aggravat, pussess ta' droga eroina f'izjed minn okkazzjoni wahda, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, feriti ta' natura hafifa fuq membru tal-Korp tal-Pulizija, hsara involontarja u reati kontravvenzjonali.

Il-Qorti qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-istess imputat, mil-liema jirrizulta illi huwa ghandha problema serja ta' droga u illi beda jikkonsma d-droga ta' eta` tenera hafna. Jidher ukoll illi kienet u ghadha din il-problema ta' droga li wasslet u qeghda twassal lill-imputat fi skontri mal-gustizzja u li b'rizultat taghha wettaq ir-reati li qieghed jigi akkuzat bihom fil-kaz tal-lum. In oltre jirrizulta mill-istess rapport, illi saru diversi tentattivi mill-varji professjonisti li segwew lill-imputat matul iz-zmien sabiex huwa jindirizza l-problema tieghu, izda huwa baqa' ma weriex motivazzjoni sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u jirradrizza hajtu. Skont l-istess rapport, fil-15 ta' Marzu 2016, l-imputat tqieghed taht Ordni ta' *Probation*, izda saret denunzja wara li l-imputat wera li ma kienx motivat biex jindirizza l-problema tad-droga u ghaldaqstant, il-Qorti trattat mieghu dwar ir-reati li huwa kien instab hati taghhom. Huwa nghata Ordni ta' *Probation* ohra fis-7 ta' Dicembru 2016, izda anke hawn gie denunzjat ghall-istess raguni u ghalkemm il-Qorti tat lill-imputat opportunita` ohra, wara li huwa obbliga ruhu li jaghmel programm residenzjali biex jindirizza l-problema tieghu, baqa' ma rregistrax progress, bir-rizultat illi ricentement huwa nghata sentenza ta' sentejn prigunerija effettiva. L-imputat appella minn din is-sentenza. Jirrizulta wkoll mill-istess rapport illi f'dawn l-ahhar xhur l-imputat sar missier, izda anke hawn ghalkemm inghata diversi opportunitajiet mill-Agenzija Appogg sabiex isegwi programm ta' rijabilitazzjoni, ma kienx hemm kooperazzjoni da parti tieghu u ghalhekk, kif ukoll minhabba preokkupazzjonijiet serji li t-tarbija kienet f'perikolu, inharget Ordni tal-Harsien fir-rigward tal-istess tarbija. Ghaldaqstant, l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva sabiex jifhem il-konsegwenzi ta' ghemilu, kif ukoll Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 u dan sabiex jaghmel programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga.

Tqis fid-dawl ta' dan kollu, illi l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja effettiva anke sabiex jaghraf illi ma jistax jibqa' jghix f'din il-hajja minghajr ma jiffaccja l-konsegwenzi tal-agir kriminuz tieghu. Kif inghad, l-imputat kellu diversi opportunitajiet sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, izda minkejja dan ma weriex motivazzjoni sabiex jaghmel dan. Madankollu, kif rakkommandat mill-Ufficjal tal-*Probation*, il-Qorti tqis ukoll illi jkun ferm ghaqli illi huwa jerga' ghal darb'ohra jinghata opportunita` sabiex jindirizza din il-problema, bit-tama illi finalment jirrikonoxxi illi m'ghandux triq ohra hlief illi jaghmel dan, kemm ghall-gid tieghu stess, kif ukoll ghall-gid ta' ibnu.

In kwantu l-piena karcerarja, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, fir-rigward tal-piena applikabbli ghall-ewwel tliet imputazzjonijiet u ghas-seba' u t-tmien imputazzjonijiet. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-raba' imputazzjoni u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tas-sitt imputazzjoni. Dwar il-hames imputazzjoni, qeghda tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' multa ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis ukoll dik il-parti tat-trattazzjoni finali tad-difiza, fejn l-abbli difensur sostna illi l-istess difiza kienet tkellmet dwar il-piena mal-Prosekuzzjoni u ssuggerixxa illi piena ta' disa' xhur prigunerija effettiva ghandha tkun wahda idonea. Issa f'dan ir-rigward, ai termini tal-Artikolu 392A(6) tal-Kap. 9, il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe ftehim informali dwar piena li jkun sar bejn il-partijiet, la darba l-ftehim ma jkunx sar skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A(5) tal-istess Kapitolu u allura ma jkunx wiehed informali, liema disposizzjonijiet appena msemmija huma rezi applikabbli ghall-Qorti fil-kompetenza taghha qua Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 370(6) tal-Kodici Kriminali.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tirrileva illi l-piena dwar is-serq aggravat bil-hin, fit-termini tal-Artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn seba' xhur sa sentejn, li allura meta mizjuda bi grad fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-istess Kodici, titla' ghal dik ta' prigunerija ghal zmien minn disa' xhur sa tliet snin, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap. 9. Jekk imbaghad wiehed izid zewg gradi, din il-piena tizdied ghal zmien minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Dan apparti l-piena fir-rigward tat-tmien imputazzjoni li, skont l-Artikolu 579(2) hija dik ta' multa jew prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u l-prigunerija flimkien. Bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, il-piena ta' prigunerija tista' tinzel ghal zmien ta' xahrejn sa sena (nofs il-piena). Ghalhekk apparti illi, kif inghad, il-Qorti tqis illi piena ta' prigunerija f'dan il-kaz hija wahda idonea, il-minimu ta' prigunerija li tista' teroga f'dan ix-xenarju ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien imputazzjonijiet huwa dak ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva. In oltre f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi ghandha zzied il-piena bi grad fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif inghad, tenut kont tal-fedina penali refrattarja tal-imputat. Jifdal ukoll is-seba' imputazzjoni, li fir-rigward taghha, il-Qorti qeghda timponi wkoll piena ta' prigunerija, izda kif imnaqqsa bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), (d) u (h), 18, 31, 49, 50, 226(1)(c), 261(f), 270, 281(a), 289, 338(ee) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva, mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih il-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li dwarhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' hames mitt ewro (€500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum bil-ghan illi jeghleb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, jibda u jlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lilu mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuh, inkluz billi jibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke jhalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex il-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit tas-26 ta' Novembru 2013, kif varjat bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2014 ossia s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) in kwantu depositu u s-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) in kwantu garanzija personali, b'kollox ghalhekk is-somma ta' sittax-il elf u hames mitt ewro (€16,500). Konsegwentement, qeghda tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa ma joqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) xhur mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat